MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## IAN FARRUGIA

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2014

Numru. 341/2009

**Il-Pulizija**

**(Spettur Victor Aquilina)**

**Vs**

**Joseph Gatt**

**Il-Qorti**;

Rat li l-imputat Joseph Gatt ta' 47 sena iben Emanuel u Josephine xebba Mifsud, imwieled Zebbug (Malta) nhar il-25 ta' Mejju 1959 u residenti gewwa Nru.116, Bishop Caruana Street, Zebbug, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 421959(M) gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer u cioe' nhar it-13 ta' Jannar 2007 u fil-jiem ta' qabel:

a) Minghajr awtorita' legali jew minghajr skuza legittima jew ragonevoli xtrajt jew ircevejt minghand xi persuna, jew kellek fil-kustudja jew pussess tieghek, biljetti tal-flus Maltin, meta kont taf li l-istess huma falsifikati, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 46 tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Fl-ahhar nett talli zammejt ghandek f'xi fond jew kellek fil-pussess tieghek, taht kontroll tieghek jew garrejt barra minn xi fond jew fid-dintorni tieghu arma tan-nar, jew munizzjon minghajr licenzja taht l-Att dwar l-armi Kap.480 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li nqrat l-akkuza bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti;

Rat li, fl-ewwel udjenza, dik ta` llum 13 ta' Mejju 2014, saret l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat anki wara li inghata z-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Semghet is-sottomissjonijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**;

Illi la darba l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, l-Qorti tiddikjara li l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu jinsabu sodisfacentement ippruvati u ghalhekk ma ghandiex triq ohra hlief li tiddikjarah hati taghhom.

**Ikkunsidrat**;

Illi l-ufficjal prosekutur issottometta quddiem din il-Qorti illi dan kien kaz *de minimis*, fejn l-imputat instab li kellu fil-pussess tieghu erba karti tal-LM5 u wahda tal-LM10, ilkoll foloz u disa bullets. Qieset l-ammissjoni ta` l-imputat bhala wahda bikrija u li ghalhekk ghandha tkun riflessa fis-sanzjoni li ghandha timponi din il-Qorti.

**GHALL-DAWN IL-MOTTIVI, L-QORTI**, wara li rat l-Artikolu 46 tal-Kapitolu 204 u l-Artikoli 5(1) u 51(2) 'proviso' tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta` Malta, issib lil Joseph Gatt hati ta' l-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tieghu u ghal dak li jirrigwarda l-imputazzjoni (a), peress li jissussistu l-elementi idoneji, tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmel ebda reat matul il-perjodu ta` sentejn mill-llum, u dana kollu bis-sahha ta` l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta. Il-Qorti fissret lil Joseph Gatt fi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk huwa jaghmel xi reat iehor matul il-perjodu msemmi; u ghal dak li jirrigwarda l-imputazzjoni (b), tikkundannah ghall-hlas ta` multa fis-somma komplessiva ta` seba mitt Euro (€700).

Il-Qorti tordna li l-atti kollha ta' dan il-procediment u kopja ta' din is-Sentenza jintbaghatu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------